MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Numru. 120/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE XUEREB**

**VS**

**ANTHONY VASSALLO**
**(ID Nru. 825847M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 120/2014

Illum, 12 ta` Mejju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Vassallo, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 825847M.

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, f’Novembru, 2012, u fix-xhur u fis-snin ta` qabel:

1. Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista` taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor ffalsifikat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 184, 187 (2) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet il-process u ma tista` ssib l-ebda prova kontra l-imputat, u dan nonostante li l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi hija ma fadaliex aktar provi. Konsegwentement, dina l-Qorti tillibera lill-imputat minn kwalunkwe akkuza li ngabet kontra tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------